MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 584/2004

**United Acceptances Finance Limited (C 360)**

**Vs**

**Kevin John Zammit (ID Nru 305169M)**
**u IAS Limited (C-12202)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu s-somma ta' Lm3003.00,0 (tlett elef, u tlett liri Maltin) import ta' kambjali mill-konvenuti iffirmati u accettati kopji ta' liema kambali jinsabu annessi u mmarkati Dok 1 sa Dok 33, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-istess konvenuti li biha ammettew it-talbiet attrici skond kif risultanti minn nota presentata mill-istess konvenuti ‘seduta stante’.

Rat l-annessi kambjalijiet a fol 3 sa fol 18 tal-atti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm3003.00,0 bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ skadenza ta’ kull kambjala, kif esebita w annessa sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali msemmijin, bla data, fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------